KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 11

Il-ħdax il-seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tlieta 4 ta' Frar 2020 fis-6pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Graziella Attard Previ | Vici Sindku |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| | Anton Debono | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Illona Fenech | Kunsilliera |

| | | |
|---|---|---|
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | David Muscat | Kunsillier |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Vivian Galea Pace | Kunsillier |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| **ASSENTI** | n/a | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal/D.Seg Eż |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-18.00:*

*11.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*
*11.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*11.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;*
*11.5 Rapporti ;*
*11.6 Dingli Circus Shelter*
*11.7 Rats in Tigne-Pest Control Qui Si Sana*
*11.8 Items oħra ta' xoghol tal-Kunsill;*
*11.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati;*
*11.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*11.11 Mozzjonijiet ; Jum Tas-Sliema 17 ta' Mejju 2020*
*11.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 11.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

11.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-kunsilliera D.Muscat, V.Galea Pace U W.Vella Baldacchino talbu biex ikunu skuzati. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv qalu li ġew provduti bi raġunijiet validi. Il-kunsilliera qablu li jkunu skuzati.

## 11.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

11.2.1 Saru l-korrezzjonijiet kif huma indikati fuq id-dokument oriġinali.

11.2.2 B'referenza għas-survey li hemm bzonn għal Dingli str. k/m triq Ġorġ Borg, is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-surveyer għandu jibgħat ir-rapport sas-17 ta' Frar.

*Survey: Dingli str. k/m Gorg Borg*

11.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi waqt illi kien qed ikellem lill-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart dwar il-punti ta' 10.2.4, il-kuntrattur kien talab illi bħala Kunsill immexxu l-ħin tal-ġbir tal-iskart b'siegħa biex hu jkun jista jkompli jiġbor mis-6.30pm. Fakkar illi bħala Kunsill diġa bagħtna lil WasteServ biex il-Legal Notice tirrefletti t-talba tagħna biex il-kollettur jibda fit-8pm. Is-Sindku qal illi jekk kellna naċċettaw it-talba tal-kuntrattur inkunu qegħdin imorru kontra d-deċiżjoni tagħna. Il-Kunsill m'approvax it-talba tal-kuntrattur.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll illi l-Ministru Dr. Aaron Farrugia approva t-talba tagħna biex niltaqaw miegħu u din il-laqgħa se ssir fit-28 ta' Frar. Hawnhekk il-Kunsill se jkollu l-opportunita jressaq l-ilmenti dwar il-ħinijiet tal-WasteServ illi skond il-kuntrattur

qegħdin jipprojbixxu li jaħdem skont il-ftehim oriġinali mall-Kunsill.

Il-kunsillier D.Soler daħal fis- 18:32

Il-kunsillier K.Wain qal illi xorta tibqa l-problema tal-boroz illi jitħallew barra matul il-ġurnata. Is-Segretarju Eżekuttiv, kif ukoll il-kunsillier J.Pillow qalu li din mhix problema tal-kuntrattur izda problema ta' infurzar u mhix parti mill-problema li qed tiġi diskussa.

Il-kunsillier P.Radmilli daħal fis- 18:39

Is-Sindku qal illi hemm bzonn naraw effiċjenza fis-servizz, xi ħaġa li sfortunatament m'aħniex qegħdin naraw. Waqt illi qal illi hemm relazzjonijiet tajbin mall-kuntrattur, u dan jipprova jgħin, izda bħala ħinijiet qed jimxi kif jaqbilu hu u probabilment qed juża l-ħinijiet bħala skuza.

11.2.4 B'referenza għal punt 10.2.5.is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li AZS applikaw fil-ħin u qegħdin nistennew ir-riżultat tal-applikazzjoni.

11.2.5 B'referenza għal punt 10.2.6, is-Sindku qal illi rċevejna l-approvazzjoni ta' TM biex il-parti ta' triq Carmel tiġi 2-way bejn triq San Vinċenz u triq St. Pius IV. Qal illi m'hemmx bzonn nitilfu l-parkeġġi kollha, ħlief l-ewwel waħda li hemm mall-kantuniera ta' San Vinċenz. Il-Kunsill qabel li ssir trial period.

11.2.6 B'referenza għal punt 10.3.5 il-kunsillier P.Radmilli qal illi l-permess ġie ppublikat u għandna sat-28 ta' Frar biex nibagħtu appell. Qal illi kellem lil residenti ta' flats li jgħixu fil-viċinanza li lesti jħallsu €500 s'issa. Qal illi l-Kunsill kiteb lill-avukat u se jipprepara l-ewwel abboz tall-appell. Wara li ssir dan kollu se ssir laqgħa mar-residenti.

Il-kunsillier P.Portelli daħal fis- 19:00

11.2.7 Il-kunsillier J.Pillow talab għal informazzjoni rigward triq Għar il-Lembi [ref punt 10.3.6]. Is-Sindku qal illi se tingħata layer tarmakk minn Gasan. Is-Sindku qal ukoll illi se ssir tibdil fil-parking

minħabba l-issues li qamu la l-bankina saret izjed wiesgħa mill kienet. Il-kunsillier J.Pillow qal illi jekk m'hemmx parking in-naħa tal-parapetti għandna naraw illi ssir xi ħaġa biex nonqsu l-perikli.

11.2.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qara rapport dwar il-konsultazzjoni li saret biex parti minn Don Rua [bejn Windsor u Howard] isir one-way [ref punt 10.3.7]. Qal illi rċevejna 39 risposta fejn il-maġġoranza (22) esprimew ix-xewqa li t-triq isir one way minn Howard għal Windsor. Qal illi 8 riedu li tibqa 2-way u 8 oħra li ssir one way inn Windsor għal Howard. Waħda kienet invalida. Qal illi l-ittra intbagħtet lil 203 residenza.
Il-kunsillier P.Radmilli qal illi konna ftehmna li hemm bzonn risposta mingħand nofs il-households illi jirċievu l-ittra u bi 39 hemm ferm inqas.
Is-Sindku ssuġerixxa li nimxu mad-deċiżjoni tal-maġġoranza, temporanjament, la kulħadd kien ingħata l-opportunita li jirrispondi. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil illi nagħmlu trial period u naraw kif imorru minn hemm. Il-Kunsill qabel.

11.2.9 Is-Sindku qal illi TM ħarġu l-permess [ref punt 10.7.1] biex jeqilbu t-traffic flows ta' triq Arturo Mercieca u triq Don Bosco [partijiet bejn Windsor u triq it-Torri]. Wara diskussjoni ġie deċiż illi min jixtieq imur jara l-affarijiet 'on the spot' la hemm kunsilliera li esprimew oġġezzjoni minħabba raġunijiet illi t-TM u l-pulizija, waqt it-Traffic Committee, ma ħasbux illi għandom ikunu problemi.
Il-kunsillier P.Radmilli qal illi fil-fehma tiegħu hemm l-approvazzjoni ta' TM, kif ukoll ġie diskuss fil-kumitat tat-traffiku u jħoss li għandna nirrespettaw id-deċiżjoni tagħhom.

11.2.10 B'referenza għal punt 10.9.5 is-Segretarju Eżekuttiv qal illi t-talba għall-fondi intbagħtet lir-Reġjun u se tiġi diskussa fil-laqgħa nhar il-13 ta' Frar.

11.2.11 Il-kunsillier P.Portelli qal illi għadu ma sabx li hemm bzonn nixtru [ref punt 10.9.7] bħala containers biex wieħed jitfa spray wara li l-klieb tagħhom. Talab illi tintbagħat reminder.

11.2.12 B'referenza għal punt 10.9.8 il-kunsillier J.Pillow qal illi l-apparat battut fil-Playing Fields għanda tinbiddel kompletament. Qal illi flimkien mas-Sindku u mas-Segretarju Eżekuttiv saret laqgħa ma kumpanija li lesta tieħu ħsieb xogħolijiet bħala parti mis-CSR u f'dak il-każ l-areas problematiċi se jkunu hoarded waqt illi jibdew

ix-xogħolijiet biex tinbiddel l-apparat.
Il-kunsillier P.Radmilli qal illi fil-fehma tiegħu l-Kunsill m'għandu jsemmi xejn sakemm isir ix-xogħol.

11.2.13 Il-kunsillier K.Wain staqsa jekk hemm progress fuq l-istudju neċessarja fit-toroq tal-lokalita. Is-Sindku qal illi kif spjega fil-laqgħa preċedenti diġa hemm regolamenti tat-traffiku u dawk għandom jiġu rispettati. Qal illi bħal ma kien qal fil-laqgħa preċedenti MAPFRE kienu se jagħmlu studju fil-passat li ma seħħietx, izda jixtieq jara jekk din tista ssir flimkien mall-Assoċazzjoni tal-kumpaniji tal-insurances minflok.

11.2.14 B'referenza għal punt 10.9.13 is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li l-bozza qed tixgħel. Il-kunsillier J.Pillow qal illi tiġi wisq fl-għajnejn u għanda bzonn idur naqra. Qal ukoll illi hemm bzonn bozza triq Sant Antnin k/m triq Tigne.

11.2.15 B'referenza għal punt 10.9.15, dwar l-infieq għal parti mill-iswings tal-Playing Field ta' fejn Peppi's, is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien hemm 'cracks' li raw meta kienu qegħdin jagħmlu x-xogħolijiet u talli ħsarat intbagħtu wkoll bir-ritratti. Il-kunsillier J.Pillow qal illi hu stess kien qal illi x-xogħol kien sar ħazin fil-passat u kien ġibed l-attenzjoni dwar id-diffetti mill-bidu nett. Is-Sindku reġa ssostna li jekk qatt ma ntbagħtet korrespondenza lil kuntrattur li x-xogħol sar ħażin snin ilu, m'aħniex fil-pożizzjoni biex nagħmlu hekk issal speċjalment la issa hemm struttura ġdida.

**Il-kunsillier D.Soler ħareġ mill-kamra għall-ħabta ta' 8pm**

11.2.16 Il-kunsillier A.Debono kkonferma li ltaqa mall-Parroċċi kollha [ref punt 10.12.1] u hemm bzonn permess mill-Kurja biex joħorġu bl-istatwi.
Ġie deċiż illi jekk ikun hemm individwi ta' Każin li ma jirrispettawx il-valuri reliġjuzi u ta' għaqda waqt l-okkazzjoni, il-Kunsill jaqta kull għajnuna lill-Kazin għal tlett snin.
Dwar l-isem tall-attivita l-kunsillier A.Debono ssuġerixxa 'Unita Reliġjuza Slimiza' izda ma kienx hemm qbil fuq l-isem u din se tiġi diskussa waqt laqgħa li se ssir flimkien mall-Kappilani nhar il-Ħamis 6 ta' Frar.

**Il-kunsillier D.Soler reġa daħal fit-8.10pm**

11.2.17 Il-kunsillier D.Soler ippropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsillier A.Debono ssekondaħ. Il-Kunsill qabel.

## 11.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

11.3.1 Inqara ittra mingħand is-Salesjani li għamlu talba għall-assistenza biex isir pubblikazzjoni tagħhom. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi ftit ilu konna aċċetajna talba simili għal Parroċċa ta' San Girgor. Is-Sindku qal ukoll illi fil-fehma tiegħu s-Salesjani huma sinonimi mal-lokalita u għandna ngħinu fejn tirrekjedi l-liġi. *Salesjani*
Il-Kunsill qabel.

## 11.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

11.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

## 11.5 RAPPORTI

11.5.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti.

## 11.6 Shelter: Dingli Circus

11.6.1 Is-Sindku qal illi fil-passat kien sar xi ftit xogħol fuq ix-shelter ta' Dingli Circus izda x-xogħolijiet ma sarux sew. Qal illi fil-fratemp il-Kunsill kien talab għad-devoluzzjoni. Qal illi perit li jgħix fil-lokalita għamel talba biex isir proġett f'dawn ix-shelters fejn nibdew b'affarijiet bażiċi, cioe li naraw hemm aċċess adekwat. Qal illi hemm il-problema tal-ilma wkoll li trid tiġi indirizzata.
Il-kunsillier P.Radmilli qal illi finanzjament tagħmel izjed sens illi titbattal ix-shelter qabel ma ssir attivita milli nagħmlu tajjeb għal spejjez biex nevitaw li jkun hemm leaks.

Wara diskussjoni ġie deċiż illi l-ewwel se tiġi indirizatta l-aċċess minn naħa tal-MetroPole, waqt illi għandna nifitħu bokka n-naħa tal-guesthouse.

11.6.2 Il-kunsillier J.Pillow issuġerixxa li ssir garigor tal-ħadid fejn il-guesthouse.

11.6.3 Is-Sindku qal ukoll illi ftit wara l-laqgħa mall-perit ġie individwu f'isem kumpanija li jixtiequ jużaw fondi li għandom bħala parti mis-CSR biex jagħtu xi ħaġa lura lil kommunita. Issuġerixxa li il-flus tintuza għall-proġett, kif ukoll affarijiet oħra.

11.6.4 Il-Kunsill qabel illi din il-proġett tibda.

## 11.7 RATS: QUI SI SANA

11.7.1 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi talab illi din tiġi diskussa fil-laqgħa peress illi intbagħtu ħafna ilmenti dwar ġrieden mejtin fl-inħawi ta' Qui Si Sana. Ippropona li ssir laqgħa mas-Sanita u forsi jiġu diskussi metodi li ħadmu barra minn Malta biex neħilsu mill-inkovenjent.

11.7.2 Is-Sindku qal illi hemm entita li għandna nitolbu laqgħa magħhom biex forsi din il-kwistjoni inkwetanti tiġi indirizzata.

11.7.3 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi fil-fehma tiegħu l-Kunsill m'għandomx jagħmlu tajjeb għall-ispejjez għal din l-inkonvenjent. Qal illi l-Gvern idaħħal miljuni kbar fis-sena mill-bolla fuq ix-xiri ta' propjeta u waħda mir-raġunijiet prinċipali għalfejn teżisti din l-inkonvenjent hija minħabba l-kostruzzjoni bla waqfien illi sar. Fil-fehma tiegħu għandu jagħmlu tajjeb għall-ispejjez la din il-kwistjoni inħolqot minħabba ċirkostanzi li mhumiex tort tal-Kunsilli Lokalit.

11.7.4 Wara diskusjoni ġie deċiż illi ssir laqgħa mas-Sanita, WSC u Works biex immexxu minnhemm.

## 11.8 ITEMS OĦRA TA' XOGĦOL IEĦOR TAL-KUNSILL

11.8.1 Leave: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fil-laqgħa preċedenti ma kienx għamel it-talba biex il-leave tal-istaff tiġi estiża għas-sena 2020 kif tirrekjedi l-liġi Ghalhekk se jdaħħalha issa la din trid tkun Minuted. Qal illi mill-impjegati ħamsa minnhom kellom inqas minn 48 siegħa leave waqt illi tnejn minnhom kien għad baqalhom ammont mhux ħazin. Qal illi bil-liġi l-istaff huma intintolati li jakkumulaw 48 siegħa għas-sena ta' wara.

Il-kunsillier P.Radmilli qal illi fil-fehma tiegħu l-istaff m'għandomx jitilfu l-leave. Fuq dan il-punt il-kunsillier J.Pillow qabel miegħu u staqsa għalfejn 48 siegħa biss la fil-passat kien hemm min ħa izjed sigħat. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-liġi hija ċara, fejn l-istaff għandom dritt jakkumulaw 48 siegħa u Segretarji Eżekuttivi sa nofs l-ammont ta' sigħat leave fis-sena li trid tintbagħat lid-DLG f'Ottubru u tiġi approvata minn naħa tagħhom. B'hekk jekk qed isir referenza għas-Segretarji Eżekuttivi preċedenti dawn kienu intintolati għas-sigħat skond il-liġi.

Is-Sindku qal illi kien hemm perjodu fejn ma tantx kellna staff, u anqas Segretarju Eżekuttivi u b'hekk l-istaff ma ħadux wisq leave. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fl-ebda ħin m'hu qed jaqbel li staff għandom jitilfu leave u kien kellimhom f'Novembru biex jispjega s-sitwazzjoni u biex jieħdu leave sal-aħħar tas-sena. Avolja ħadu qal ukoll illi ma sabu l-ebda oġġezzjoni fuq iċ-ċirkostanzi u uzaw li kien hemm bzonn.

Il-kunsilliera qablu li l-leave tiġi akkumulata skond il-liġi.

11.8.2 Bankina: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kienu qegħdin isiru xogħoloijiet fl-area ta' Għar id-Dud minn entita privata u dawn talbu li tiġi rranġata wkoll il-bankina. Is-Sindku qal illi din hija l-istess post li aċċettaw it-talba biex isir underground bin u li se jkunu l-pilot project tagħna biex neħilsu mill-iskips li hemm mall-Promenade. Qal illi x-xogħolijiet li saru saru fuq post pubbliku, separat minn dak illi kien qed isir fil-post tagħhom.

Il-Kunsill qabel illi l-Kunsill iħallas parti peress illi xogħolijiet saru fl-interess tal-pubbliku. Il-kunsillier P.Radmilli ppropona li nħallsu 2/3 u kien issekondat mill-kunsillier J.Pillow. Il-Kunsill qabel.

Fuq dan il-punt il-kunsillier J.Pillow qal illi kien qajjem il-problema li hemm fil-viċinanza kemm il-darba izda ma sar xejn. Is-Sindku

qal illi jaf fejn  qed jirreferi l-kunsillier J.Pillow u x-xogħolijiet għandom isiru meta jkun hawn il-kuntrattur.

**Is-Segretarju Eżekuttiv informa li għaddew tlett sigħat. Il-Kunsill qabel unaniment illi l-laqgħa titkompla.**

11.8.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi sar jaf b'żewġ garaxxijiet fil-viċinanza li jistgħu jintuzaw bħala store għall-Kunsill. Qal illi l-prezzijiet kienu ta' €100 għal 1 car garaxx u €150 għal 2 car izda dik ta' 2 car kienet ta persuna li tiġi minn kunsillier u b'hekk l-affarijiet għandom jiġu ċċarati biex naraw illi nimxu mal-liġi f'każ illi l-Kunsill jiddeċċiedi fuqha. Il-Kunsill qabel illi hemm bzonn izjed spazju fil-Kunsill u garaxx tkun utli.

11.8.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Public Conveniences waslu biex jiftħu fil-Ġnien l-Independenza. Qal illi weħħel fit-tender peress illi xtaq jamalgama l-kuntratt ma tal-ġnien izda xtaq illi biex il-Kunsill jevita l-ispejjez tal-Public Convenience l-kuntrattur ikun jista jagħmel qliegħ mill-Public Convenience billi jkun hemm rata biex jintuzaw. Qal illi s'issa tkellem diversi drabi mad-DoC biex jara kif din tista ssir u li jaqblu mall-idea izda se tkun diffiċli. Qalu wkoll illi jista jkun il-każ illi l-FTZD se jieħdu over il-latrini pubbliċi. Qal illi f'dan il-każ biex nevitaw izjed dewmien, joħroġ tender għal attendent izda fil-preżent se jkun hemm bzonn xi ħadd u rridu noħorġu Direct Order. Il-Kunsill qabel illi tintbagħat rikwest għal Direct Order lid-DLG ħalli nagħmlu tajjeb għall-ispejjez għas-servizz sakemm ikun hemm tender.

11.8.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien kellem mall-avukat li qalu dwar inċident li seħħ fis-sena 2018 u li talli informazzjoni intbagħtet lil Kunsill. Qal illi l-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni jekk se ssir out of court settlement jew le. Il-kunsilliera qalu li ma kienux jafu dwar l-inċident.
Wara li ingħata informazzjoni u li l-inċident seħħ fuq il-Promenade, ġie deċiż illi la qatt ma ġiet devoluta lill-Kunsill, il-claim għanda ssir mal-Lands. Fl-istess ħin ma ntbagħtux ritratti tal-istat tal-bankina dak iz-zmien tal-inċident.

11.8.6 Il-kunsillier J.Pillow qal illi l-boroz tal-kennies mhux qed jinġabru kull nhar ta' Tnejn/l-Erbgħa/il-Ġimgam cioe l-ġranet illi ma tinġabarx il-borza s-sewda. Ippropona li ssir borza trasparenti bil-logo tal-Kunsill u fuqha jkun hemm miktub 'Street Cleaning'.

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi l-boroz jinġabru skont il-kulur u rridu naraw jekk bil-liġi għandna dritt nagħmlu borza oħra mhux tal-kulur tal-ġbir illi jeżistu diġa.
Il-kunsilliera qablu mas-suġġeriment izda l-kunsillier A.Debono qal illi dawn jirrekjedu ħafna spejjez biex isir printing fuq kull borza avola fil-prinċipju jaqbel ukoll mas-suġġeriment.

11.8.7 Il-kunsillier P.Portelli qal illi l-istess organizatturi li għamlu l-Christmas Market jixtiequ jagħmlu tlett attivitajiet oħra bejn Marzu u Mejju.
Il-kunsillier J.Pillow qal illi din it-talba qegħda ssir għax sintendi kien hemm profit fl-attivita, meta kien il-Kunsill li kellu jirranġa għall-problemi kollha li inħolqu.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien diġa bagħat il-ħsibijiet tiegħu meta rċieva t-talba fejn qal illi l-organizaturi għandom jaraw illi l-kelma tasal għand ir-residenti u ħwienet kollha, waqt illi huma għandom jagħmlu tajjeb għall-problema tal-ġbir tal-iskart f'każ illi jkun hemm l-istess problemi bħal Diċembru. Qal ukoll illi fil-fehma tiegħu la dawn jirrapreżentaw Times Of Malta għandom jgħinu fil-marketing tal-attivitajiet tal-Kunsill mingħajr ħlas.
Wara diskussjoni l-Kunsill qabel biss illi ssir attivita għal qabel Mothers Day.

11.8.8 Il-kunsillier A.Debono ssuġerixxa li ssir rinovazzjoni tal-funtana quddiem il-Marks and Spencers, kif ukoll l-area ta' madwar. Il-kunsillier J.Pillow qal illi diġa kien hemm tentattivi biex din isir. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fil-passat il-Kunsill qabel li ssir proġett izda mhux li titranġa l-funtana.
Is-Sindku qal kienet inxtrat pompa izda għal xejn u l-ħsieb kien illi l-funtana timtela bil-ħamrija u fjuri.
Is-Sindku qal ukoll illi rapprezentant tal-WSC iltaqa miegħu u mas-Segretarju Eżekuttiv fejn għamlu talba biex isir potable water fountain fuq l-iStrand. Qal illi ħarġu b'idea biex minflok din isir fl-area fejn il-monument stess biex nevitaw li naħgmlu izjed ostakli fejn jimxu n-nies. Żied illi saret ukoll talba għal waħda f'Qui Si Sana izda hemmhekk ma kienx hemm resistenza fuq il-proposta.

11.8.9 Il-kunsillier A.Debono staqsa jekk il-parking ta' Manoel Dimech se tinbidel. Is-Sindku qal illi l-parti bejn Sant Elena u Blanche u se ssir għax izid il-parking.

11.8.10 Il-kunsillier A.Debono staqsa biex isiru floodlights fejn il-knisja ta' Nazzarenu kif ukoll fejn il-monument tal-gwerra. Dan għalhiex m'hemmx dawl fl-inħawi.

11.8.11 Is-Sindku ta informazzjoni dwar laqgħa li saret mall-FTZD u Works Dep, kif ukoll mall-Kunsill ta' San Ġiljan, fejn ġie deċiż illi flimkien se naħdmu biex isiru xogħolijiet ta' manutenzjoni fuq il-Promenade. Qal illi min dakinhar sa llum il-Works marru lura fuq il-kelma tagħhom peress illi m'għandomx nies.
Il-kunsillier J.Pillow qal fuq dan il-punt illi qegħdin noħorġu diversi spejjez biex nixtru l-materjal li jużaw il-Works izda jieħdu l-prosit huma. Għalhekk jixtieq illi niċċarraw l-ispejjez illi qegħdin nonfqu aħna biex isiru dawn ix-xogħolijiet.

11.8.12 Il-kunsillier P.Portelli qal illi se jibgħat l-ispecs biex noħorġu sejħa għad-disin tal-website.

11.8.13 Il-kunsillier J.Pillow issuġerixxa li nħallsu lill-pulizija biex iduru u jagħtu ċitazzjonijiet lil min iħalli l-boroz barra matul il-ġurnata. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi hemm il-LESA, ERA u m'hemmx għalfejn naħlu riżorsi tagħna jew tal-pulizija meta dawn għandom jaħmlu hekk bħala parti minn xogħolhom. Issuġerixxa minflok illi noħolqu tim ta' voluntiera u jkollom badge biex meta jaraw in-nies ikellmuhom.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi inizjattiva bħal din per se ssir mill-GreenPak izda tajjeb naraw jekk jaħdmu flimkien, bil-kundizzjoni li dawn il-voluntiera jkunu jistgħu jaħdmu b'mod illi għandom is-saħħa biex jagħmlu li hemm mitlub mingħandom.

11.8.14 Is-Sindku qal illi hemm problema bil-pompa tal-funtana t-tonda ta' Independence Gradens. Qal illi l-FTZD qegħdin jaraw fuqha izda jista jkun il-Kunsill ikollu jixtri pompa.

.

## 11.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITAT U/JEW SOTTO KUMITATI

11.9.1 Ma kien hemm l-ebda rapport

## 11.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

11.10.1 Il-kunsillier J.Pillow qal illi fil-fehma tiegħu qegħdin inħallsu wisq spejjez għall-Perit fuq proġett zgħir bħal ta' triq is-Salvatur. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi r-rati kienu fisi meta saru l-ewwel taħdidiet. Intwerra l-invoice bħala provi għall-ħlas,

11.10.2 Il-kunsillier J.Pillow qal illi mhux sew illi l-Kunsill ikompli jħallas għas-security tal-flus meta dawn il-flejjes imorru għand il-LESA u mhux għand il-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi qegħdin inħallsu l-ammont skont il-kuntratt u jifhem l-ilment tal-kunsillier izda l-pagament għanda ssir waqt illi l-ġlieda għanda tkun mhux mall-kumpanija li rebaħ it-tender, izda biex jittieħed azzjoni fuq dawn l-inġustizzji.

11.10.3 Il-kunsillier K.Wain ippropona li l-iskeda ta' pagamenti tiġi approvata. Il-Viċi Sindku ssekondaħ. Il-Kunsill qabel.

## 11.11 MOZZJONIJIET

11.11.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

## 11.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

11.12.1 Is-seduta ntemmet fil-23.30. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 4 ta' Marzu 2020.

Minuti approvati llum nhar 4 ta' Marzu 2020

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **Anthony Chircop** | **Anthony Attard** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |